

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-8 ta' Mejju 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – ASS.I.CA. – Associazione Industriali delle Carni, Krafts Foods Italia SpA vs Associazioni fra produttori per la tutela del “Salame Felino” et

(Kawża C-35/13) ⁽¹⁾

(Agrikoltura — Prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel — Regolament (KEE) Nru 2081/92 — Artikolu 2 — Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' oriġini — Kamp ta' applikazzjoni razione materiae — Protezzjoni fit-territorju nazzjonali — Assenza ta' reġistrazzjoni Komunitarja — Konsegwenzi — Protezzjoni tad-denominazzjonijiet marbuta mal-prodotti li fil-konfront tagħhom ma teżisti l-ebda rabta partikolari bejn il-karatteristiċi tagħhom u l-oriġini ġeografika tagħhom — Kundizzjonijiet)

(2014/C 202/09)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ASS.I.CA. – Associazione Industriali delle Carni, Krafts Foods Italia SpA

Konvenuti: Associazioni fra produttori per la tutela del “Salame Felino”, La Felinese Salumi SpA, Salumificio Monpiù Srl, Salumi Boschi F.lli SpA, Gualerzi SpA, Alinovi Tullio di Alinovi Giorgio & C. Snc, Salumificio Gastaldi di Gastaldi Franco e C. Snc, Boschi Cav. Umberto SpA, Fereoli Mario & Figlio Snc, Salumificio Ducale Snc di Morini & Tortini, Fereoli Gino & Figlio Snc, Ronchei Srl, Salumificio B.R.B. Snc

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Corte suprema di cassazione – Interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 13, p. 4) – Denominazzjoni ta' oriġini li ma ġietx irreġistrata u li għaliha ma jeżistix att ġuridikament vinkolanti li jiddefinixxi l-konfini taż-żona ġeografika ta' produzzjoni, ir-regoli tal-produzzjoni u l-kundizzjonijiet eventwali li l-produtturi għandhom jissodisfaw sabiex jibbenefikaw mid-dritt li jużaw id-denominazzjoni inkwistjoni – Possibbiltà li jiġi pprojbit fit-territorju nazzjonali, bħala att ta' kompetizzjoni żleali, l-użu ta' din id-denominazzjoni għal prodotti nazzjonali li ma joriġinawx mill-postijiet imsemmija mid-denominazzjoni

Dispożittiv

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 535/97, tas-17 ta' Marzu 1997, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprovdi sistema ta' protezzjoni lil denominazzjoni ġeografika nieqsa minn reġistrazzjoni Komunitarja, iżda li din tista' tiġi protetta, jekk ikun il-każ, bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrigwarda denominazzjonijiet ġeografiċi marbuta mal-prodotti li fil-konfront tagħhom ma teżisti l-ebda rabta partikolari bejn il-karatteristiċi tagħhom u l-oriġini ġeografika tagħhom, sakemm, madankollu, minn naħa, l-implementazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma tippreġudikax l-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2081/92, kif emendat bir-Regolament Nru 535/97, u min-naħa l-oħra, ma tiksirx il-moviment liberu tal-merkanzija msemmi fl-Artikolu 28 KE, ċirkustanzi li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 86, 23.03.2013.